MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 414/2009

**Champalin Company Limited**
**(C-2409)**

**vs**

**Edward Borg ghan-nom tas-socjeta'**
**Norafari Company Limited u**
**b'digriet moghti fit-18 ta' Lulju 2012**
**l-atti gew trasfuzi fl-ismijiet ta' Kyle Borg, Nicholas Borg**
**u Greta Bugeja ghan-nom ta' bintha minuri**
**Sarah Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas is-somma dovuta ta'erbgha mija u sitta u sittin ewro (€466) ghal kera dovuta ghax-xahar ta' April, 2009 li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas

lis-socjeta’ attrici a rigward il-fond Flat 7, Charles Court, St Luke’s Road, Gwardamangia; Illi inoltre s-socjeta’ halliet il-fond in kwistjoni b’arretrati ta’ kera u konsum ta’ dawl u ilma fl-ammont bilancjali ta’ mitejn u tlieta u tletin ewro (€233.00) kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza; Fl-ahharnett, is-socjeta’ attrici qeghdha tfittex lis-socjeta’ konvenuta ghad-danni kagunati lilha minhabba tibdil fil-kulur tal-hitan tal-appartament kollu, liema tibdil fil-kulur tal-hitan tal-appartament ma sarx bil-kunsens u / jew awtorizazzjoni tas-socjeta’ attrici u liema xogholijiet rimedjali jammontaw ghas-somma ta’ elfejn tlett mija u tletin ewro (€2,330) oltre l-VAT, kif ser jigi ppruvat fil-kawza. Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici qeghdha titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma kumplessiva ta’ tlett elef u tmienja u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,028.25c) oltre s-somma ta’ mija u tmenin ewro (€180.00) fuq is-somma ghax-xoghol rimedjali li jrid isir ghat-tibjid tal-hitan tal-appartamenti ghal kulur originali taghhom.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-ittra interpellatorja tal-5 ta’ Mejju, 2009. Is-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine, li permezz taghha eccepiet illi s-socjeta’ (attrici) bdiet il-proceduri fuq citati; (1) Illi l-fatti kif esposti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (2) Illi l-ammont, anke jekk jirrizulta li hemm ammont dovut huwa wiehed eccessiv kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew ipprezentati minnu.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Mejju, 2011, fejn it-Tribunal gie informat illi miet Edward Borg fil-mori tal-kawza, u li ghalhekk kien mehtieg zmien sabiex jigi verifikat min huma l-eredi u d-direttur gdid tas-socjeta’ konvenuta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju, 2011, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difetto d’ostacolo*.

Ra r-rikors tal-konvenut nomine datat 14 ta’ Settembru, 2011, li permezz tieghu t-Tribunal gie mitlub sabiex jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, u talab zmien sabiex jirregola ruhu dwar it-trasfuzjoni tal-atti; ra d-digriet tieghu datat 1 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu giet milqugha t-talba, filwaqt illi ordna illi l-konvenut *nomine* kellu jaghti informazzjoni fl-udjenza sussegwenti.

Ra r-rikors tas-socjeta’ attrici datat 13 ta’ Lulju, 2012, li permezz tieghu l-istess socjeta’ attrici talbet illi l-atti jigu trasfuzi f’isem Kyle Borg, Nicholas Borg u Greta Bugeja ghan-nom tal-minuri Sarah Bugeja; ra d-digriet tieghu datat 18 ta’ Lulju, 2012, li permezz tieghu t-talba giet milqugha u ordna li l-atti kif korretti, jigu debitament notifikati lilhom.

Ra li ghalkemm l-atti gew debitament notifikati lil Nicholas Borg u Kyle Borg, dawn naqsu milli jipprezentaw risposta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar, 2013, li permezz tieghu l-kawza giet differita *sine die*.

Ra r-rikors tas-socjeta’ attrici datat 17 ta’ April, 2013, fejn talbet illi l-kawza terga’ tigi appuntata ghas-smigh, u li terga titpogga fuq il-listi tal-kawzi; ra d-digriet tieghu datat 22 ta’ April, 2013, li permezz tieghu t-talba tas-socjeta’ attrici giet milqugha.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013, ghal liema udjenza dehret Greta Bugeja, li nformat lit-Tribunal li kienet ser tikkontesta l-kawza ghan-nom ta' bintha minuri Sarah Borg.

Ra r-risposta ta' Greta Bugeja, bhala legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Sarah Borg, li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament ma tarax il-htiega ta' trasfuzjoni tal-gudizzju, stante illi l-konvenuta hija socjeta' u mhux persuna fizika. Illi hi mhix legittima kontradittrici tal-attrici, billi qabel xejn hi kienet accettat il-wirt ta' missierha Edward Borg bil-beneficcju tal-inventarju, liema inventarju ma jurix xi dejn lejn l-attrici, u billi fl-aghar ipotezi l-unika konnessjoni li hi jista' jkollha mas-socjeta' konvenuta hi dik ta' azzjonista u kwindi ma tirrispondix de proprio ghad-djun tal-istess socjeta' konvenuta.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi kienet qed tirtira t-talba taghha ghal-legitimazzjoni tal-atti fl-isem tal-persuni Kyle Borg, Nicholas Borg u l-minuri Sarah Borg, kif rapprezentata minn Greta Bugeja, filwaqt illi qed izzomm ferm it-talbiet taghha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta "Norafari Company Limited"; ra li ghalhekk il-partijiet qeghdin jaqblu illi l-persuni msemmija, u cioe' Nicholas Borg, Kyle Borg u l-minuri Sarah Borg, debitament rapprezentata minn Greta Bugeja, ghandhom jigu estromessi minn dawn il-proceduri.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas

lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet elef mitejn u tmien ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3,208.25c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta, bl-eccezzjoni tal-ispejjez tal-konvenuta Greta Bugeja, li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------